**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 26**

**Data:** **24 ta' Frar 2026**

**Hin:** **9.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

26.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

26.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

26.5 Korrispondenza u Rapporti;

26.6 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements;

26.7 Applikazzjonijiet Djar tax-Xjuh;

26.8 Attivitajiet;

26.9 Laqgha Annwali tal-Lokalita';

26.10 Skeda ta' Pagamenti;

26.11 Materji ohra;

26.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**26.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

26.1.1 Joseph Mizzi talab sabiex jigi skuzat minhabba impenji ta' xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.3.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ghadu jrid iqassam ir-rigali marbuta mall-kompetizzjonijiet tal-Milied. Huwa ssugerixxa li dawn jitqassmu l-Hadd wara l-quddiesa tal-10am. Il-Vici Sindku qal li huwa mhux ser ikun jista' jattendi u ghaldaqstant talab sabiex jitqassmu it-Tnejn jew it-Tlieta. Il-Kunsill iddiskuta meta jkun l-ahjar gurnata u qabel li ghandu jsir it-Tlieta fis-7pm fil-Kunsill.

**26.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

26.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet tal-Kunsilliera.

**26.5 Korrispondenza u Rapporti**

26.5.1 Gew trattati s-segwenti korispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali:

Assikurazzjoni tal-flus ghas-sena 2026 – Il-Kunsill qabel li ghandu jidhol f'din il-polza.

Personal Accident Policy ghas-sena 2026 – Il-Kunsill qabel li ghandu jidhol f'din il-polza.

26.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand Transport Malta fir-rigward tal-Personalised Reserved Parking fejn ser jitharrek minn Triq Trux ghal Triq San Pietru.

26.5.3 Tonio Mifsud gibed l-attenzjoni dwar mera fi Triq Tumas Cassar ghal Triq Frangisk Portelli li kienet inkissret. Is-Sindku qal li din kienet diga twahhlet.

26.5.4 Giet trattata talba minghand resident fi Triq Trux ghal double Yellow Parking faccata tar-residenza. tieghu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u nnota li ser jitnaqqas il-parkegg f'din it-triq u ghaldaqstant qabel li ghandha ssir komunikat mat-Transport Malta u l-Kunsill jara l-opinjoni taghhom.

26.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand Michael u Doris Attard Cassar fejn offrew lil Kunsill donazzjoni ta' sigar u pjanti biex jithawlu fil-lokalita' fiz-zoni tal-kampanja fl-Gharb.

**26.6 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements**

26.6.1 Gew diskussjoni l-unaudited financial statements ghas-sena 2025 fejn il-Kunsill jidher li jinsab f'posizzjoni ahjar minn tas-sena ta' qabel. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innutat li bhal kull sena dawn ghadhom iridu jigu awditjati mill-awdituri li jibghat il-Gvern ta' kull sena. Is-Segretarju Ezekuttiv talab l-approvazzjoni sabiex isir updated tal-*fixed assets* register fejn ser isiru anke *write offs* skond il-htiega. Il-Kunsill qabel unanament.

**26.7 Applikazzjonijiet Djar tax-Xjuh**

26.7.1 Is-Sindku qal li kienet dahlet applikazzjoni ghal dar tax-xjuh fi Triq Birbuba u Trejqet is-Sisien. Huwa spjega li fis-snin precedenti fuq l-istess sit kien hemm applikazzjoni ghal bini ta' appartamenti fejn din kienet giet approvata pero' kien sar appell u regghet marret lura ghand tal-planning u qeghda tigi assessed.

Dahal il-Perit Edward Scerri li kien mistieden ghal din il-parti tal-laqgha sabiex jaghti l-parir professjonali tieghu f'dan ir-rigward.

Huwa ta spjegazzjoni ta' x'kienet qeghda tigi inkluza fl-applikazzjoni b'dak li kien qieghed jissugerixxi l-applikant. Ghal laqgha dahlet ukoll residenta li toqghod f'din iz-zona vicin tal-post imsemmi sabiex tipprezenta l-ilment taghha f'dan ir-rigard. Hija spjegat li fl-opinjoni taghha m'hemmx bzonn ta' dar tax-xjuh gewwa l-lokalita' u li kien ser jinholoq problemi ta' parkegg.

Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li l-aktar problema hija l-parkegg u t-traffiku li ser jinholoq. Is-Sindku staqsa ukoll fejn ser tkun l-entratura principali fejn il-Perit qal li din ser tkun fejn tispicca l-parti wiesgha tat-triq.

Il-Perit qal li d-data finali tar-rapprezentazzjonijiet huma sas-27 ta' Marzu peress li din ghadha ser tigi ppublikata. Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-interess tieghu f'din l-applikazzjoni. Il-Perit zied jghid li din l-applikazzjoni jekk tigi approvata hija biss applikazzjoni in principju u l-ebda xogholijiet ma jistghu jsiru. Il-Perit issugerixxa ukoll li apparti l-Kunsill kull individwu li ghandu xi tip ta' interess f'din l-applikazzjoni ghandu jibghat lill-awtorita' u dan permezz ta' avukat jew ta' perit.

Is-Sindku nnota ukoll li kien hemm grupp maghmul minn residenti u li hu ga kellu xi laqghat maghhom biex jispjegawlu l-preokkupazzjoni taghhom u li ser iressqu

ogezzjoni ghall-applikazzjoni l-ohra tad-dar tax-xjuh u li kienu qed jistudjaw din l-applikazzjoni ukoll. Huwa zied jghid li jridu jinstabu argumenti legali sabiex isir l-ilment ghax jekk ma jkunx hemm bazi tajba jintilef kollox. Waqt il-laqgha kien hemm ukoll residenta li toqghod fil-vicinanzi tal-art fejn hemm il-proposta. Ir-residenta staqsiet x'inhi l-opinjoni tal-Kunsill fejn is-Sindku qal li l-Kunsill huwa mar-residenti.

Il-Perit issugerixxa li nistennew ir-risposta tat-Transport Malta u sadanittant il-Kunsill jirregistra l-interess tieghu sabiex ikun maghraf bi kwaunkwe sottomissjonijiet u ikun jista jipprocedi bl-oggezzzjoni.

Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-interess tieghu f'dan ir-rigward.

Ir-residenta harget mil-laqgha.

26.7.2 Saret referenza ghall-applikazzjoni tad-dar tax-xjuh li kien hemm applikata fi Triq Molina fejn gie spjegat li l-applikanti kienu ssottomettew pjanti godda. L-izvilupp mhux *setback* kif titlob il-*policy*. Min-naha l-ohra fejn ir-residenti kienu qeghdin jilmentaw minhabba l-bitha ta' wara, din mhux kontra l-ligi. Hemm ukoll il-problema tat-traffiku u tal-parkegg li jinholqu minn din l-applikazzjoni. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill ser ikun qed jibqa' jsegwi din l-applikazzjoni.

Il-Perit hareg mil-laqgha.

## 26.8 Attivitajiet

26.8.1 Gew diskussjoni l-attivitajiet ghax-xhur li gejjin li humas-segwenti:

L-Infiorata tal-Melh u attivita' tal-Bajd tal-Ghid u tal-figolli ghat-tfal. Dawn iz-zewg attivitajiet ser isiru f'Hadd il-Palm bhas-snin precedenti.

Is-Sindku spjega li huwa kien gie avvicinat mill-SPCA ta' Ghawdex fejn din is-sena ser ikunu qed jiccelebraw hamsin sena mit-twaqqif taghhom u ghaldaqstant talbu sabiex bl-ghajnuna tal-Kunsill titella' attivita' fil-31 ta' Mejju fil-Pjazza tal-Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora f'din l-attivita'.

## 26.9 Laqgha Annwali tal-Lokalita'

26.9.1 Ma kienx hemm residenti prezenti ghal-laqgha.

## 26.10 Skeda ta' Pagamenti

26.10.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata.

## 26.11 Materji ohra

26.11.1 Is-Sindku ssugerixxa sabiex issir safra kulturali ghal Cipru bejn it-8 u 15 ta' April. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jiftah il-bookings ghal interess ghal din is-safra.

**26.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

26.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 26 ta' Marzu fid-9.00am.

26.12.2 Il-laqgha spiccat fil-11.00am

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv